MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Numru. 1125/2009

**IL- PULIZIJA**
**SUPRETENDENT LAWRENCE CUTAJAR**
**KONTRA**

**PAUL VELLA**
**ANTHONY VELLA**
**KENNETH JAMES BRIGGS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Vella ta' 61 sena, bin Guzepp u Rosa nee' Micallef, mwieled Mgarr nhar it- 28 ta' Dicembru 1948, residenti Mei- Ling, Triq San Filippu, Mgarr u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 116049(M);

U

Anthony Vella ta’ 58 sena, bin Guzepp u Rosa nee’ Micallef, mwieled Mgarr nhar il- 21 ta’ Jannar 1951, residenti Menahem, Triq San Filippu, Mgarr u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 102551(M)

U

Kenneth James Briggs ta’ 57 sena, bin Kenneth u Margaret nee’ unknown, mwieled l- Ingilterra nhar il- 5 ta’ Frar 1952, residenti fil- fond Pinto Buildings, Blokk B, Flat 11, St Gilbert Street, Gzira u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 297801L;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli

1) lil Paul Vella u lil Anthony Vella fil- kapacita’ taghhom ta’ direttur tal- kumanija Swaey Co. Ltd u lil Kenneth James Briggs fil- kapacita tieghu ta’ crane driver fit- 8 ta’ Novembru 2004 ghal habta tas- 1.40pm fi Triq l-Industrija Qormi, b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew fil- professjoni taghhom jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkagunaw l- mewt ta’ Jonathan Agius mill- Imgarr, Malta u dan ai terminu tal-Artikolu 225 tal- Kapitolu 9;

2) ukoll lil Paul Vella u Anthony Vella wahedhom fil-kapacita’ taghhom ta’ diretturi tal- kumpanija Swaey Co. Ltd talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi naqsu milli jharsu s-Sahha u Sigurta tal- impjegati, kif ukoll tal- persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix- xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l- passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il- post tax-xoghol u fejn miet impjegat Jonathan Agius mill- Imgarr Malta u dan ai terminu tal- Artikoli 6 (1) (2) ta’ l- Att 27/2000 tal- Kapitolu 424;

3) lil Kenneth James Briggs wahdu fil- kapacita' tieghu ta' crane driver talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares is- Sahha u s- Sigurta' tieghu, kif ukoll tal- persuni li jistghu jigu affetwati bix- xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l- passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax- xoghol u naqas milli jiehu l- mizuri necessarji sabiex ir- riskji jigu ridotti kemm huwa ragenevolement prattiku u dan ai termini tal- Artikolu 7 (1) tal- Att 27/2000 tal- Kapitolu 424;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat Kenneth James Briggs irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Semghet il-partijiet jittrattaw dwar il-htija o meno tal-imputati Paul Vella u Anthony Vella, kif ukoll dwar il-parametri tal-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat Briggs kien parzjalment responsabbli ghall-incident, bil-parti l-ohra tar-responsabbilta' taqa' fuq il-vittma tal-incident, Jonathan Agius, li kien ukoll il-"foreman" fuq il-lant tax-xoghol in kwistjoni. Dwar l-imputati Vella, il-Qorti ma ssibx htija fihom ghal dan l-incident, u ghaldaqstant tilliberahom. Kwantu ghal piena, bl-assorbiment tal-istess ai termini tal-Artikolu 17 tal-Kap 9, l-imputat Briggs ghandu jinghata multa ta' hamest elef Ewro ghat-tlitt imputazzjonijiet flimkien.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 225 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u l- Artikoli 6 (1) (2) u 7 (1) tal- Att 27/2000 tal- Kapitolu 424 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ta' Kenneth James Briggs din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' hamest elef ewro (€5,000).
Ma ssibx lill- imputati Paul Vella u Anthony Vella hatja u ghaldaqstant tilliberahom.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------